## IL-BANDA NICOLO` ISOUARD TAL-MOSTA TIĊĊELEBRA 140 SENA




Il-Mosta rat il-bidu tal-Banda tagħha għall-ħabta tal-1869, permezz ta' Ġanni Azzopardi, klarinettista man-Navy Ingliża, li beda jgħallem il-mużika liż-żgħażagħ Mostin. Iżda l-magħmudija ta' 'IL-BANDA TAL-MOSTA', kif kienet magħrufa f'dawk iż-żminijiet, seħħet nhar il-Ħadd, 15 t'Ottubru, 1871. Dakinhar saret il-Konsagrazzjoni tar-Rotunda famuża u monumentali ddedikata lill-Assunzjoni tal-Verġni Marija. Għalhekk filgħaxija l-Banda daqqet l-ewwel programm mużikali tagħha fil-beraħ. Minn dakinhar 'il quddiem, 'il-Banda tal-Mosta' ntrabtet b'mod integrali mal-attivitajiet reliġjużi u soċjali li jsiru fil-Mosta, partikolarment il-festa ta' Santa Marija.

Tul dawn is-snin kollha dejjem baqgħet attiva (ħlief għall-perjodi taż-żewġ gwerer dinjija). Dan għamlitu prinċipalment b'risq il-Komunita` Mostija, u dejjem ħadet sehem u kienet protagonista f'kull avveniment jew anniversarju importanti fil-Mosta.

Fl-2004 is-Soċjeta` fakkret il-125 sena minn meta ngħatat l-isem għall-kompożitur kbir Malti, Nicolo` Isouard. U fost l-attivitajiet li saru biex jitfakkar dan l-anniversarju f'Settembru saret mawra storika fl-Istati Uniti tal-Amerika u l-Kanada. Din is-sena wkoll lil din 'l-ewwel Soċjeta` fil-Mosta' ġiet mogħtija l-Onorifiċenza 'Ġieħ il-Mosta' mill-Kunsill Lokali.

F'dawn l-aħħar tletin sena l-Banda ħadet id-drawwa li ttella' programmi mużikali ta' livell għoli. Fosthom insemmu fit-Teatru Manoel, fl-Istitut Kattoliku, fl-Universita`, fil-Lukandi Radisson u Hilton f'San Ġiljan, fil-Lukanda Radisson Golden Sands f'Għajn Tuffieħa. Inżidu wkoll il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fejn ġiet esegwita l-'Messa da Requiem' ta' G. Verdi fit-3 t'April 2004. Naturalment



*Il-Banda Nicolo` Isouard tal-Mosta flimkien mas-Surmast Ferdinandu Camilleri fl-1912. (ritratt: mill-arkivju tas-Soċjeta`)*

diversi kienu wkoll l-esekuzzjonjiet fir-Rotunda tal-Mosta, u nsemmu l-innu 'Alla Beata Maria Vergine' ta' A. Miruzzi u l-versi ta' Dun W. Azzoppardi, kif ukoll 'L-Għanja tal-Konvoj ta' Santa Marija' fuq kompożizzjoni ta' Mro. Emanuel Spagnol u l-versi tal-Prof. Oliver Friggieri fl-2003.

Sinifikanti wkoll il-mawra li saret f'Novembru 2001 meta 'il-Banda tal-Mosta' daqqet fis-Sala Prinċipali tal-Kwartieri Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti f'Ġinevra, fejn kienet mistiedna tipparteċipa wkoll il-Banda Santa Marija tal-Mosta.

Fl-2008 il-Mosta ċċelebrat l-400 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa. Għalhekk is-Soċjeta` ħejjiet programm intensiv ta' aktar minn 50 attivita` jew inizjattiva mifruxa fuq 12-il xahar. Dawk prinċipali kienu: il-Kunċert tal-Epifanija ddedikat lill-eks Arċipriet Mons. B. Bezzina (li ħalliena fl-2009); l-esekuzzjoni tal-i'Stabat Mater' ta' G. Rossini fit-Teatru Manoel iddedikata lill-eks-Arċipriet Żejtuni Mons. Joe Carabott; il-Kunċert tal-Kwindiċina bl-esekuzzjoni ta' 'L-Għanja tal-Konvoj ta' Santa Marija' ddedikat lill-Arċipriet attwali tal-Mosta, Rev. Mario Tong. Insemmu wkoll il-kxif ta' pittura ġdida mill-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi tas-saqaf tal-kamra laterali fil-Każin minn Mons. Nikol Cauci Isqof Emeritus t'Għawdex (ħalliena fl-2010); Bandalora artistika mogħtija mill-Familja Vassallo, u l-ktieb 'Il-Mosta - Ġrajjietha u Niesha'.

Fil-11 ta' Marzu 2010, il-Banda ħadet sehem b'marċ fittoroq tal-Mosta fl-okkażjoni tal-150 sena minn meta tlesta l-bini tar-Rotunda.

Issa din is-sena s-Soċjeta` ħejjiet programm vast ta' attivijajiet biex jitfakkar il-140 anniversarju mill-fondazzjoni. L-avvenimenti bdew f'Ottubru 2010 bi programm mużikali ta' livell għoli fl-Awditorju tal-Universita` li kien iddedikat lis-Sur Nazzareno Vassallo fl-okkażjoni tal-10 sena mill-ħatra tiegħu bħala President tas-Soċjeta`, komplejna bil-Kunċert tal-



**3 t'April, 2004: il-Banda Nicolo` Isouard taħt id-direzzjoni ta' Mro. Emanuel Spagnol waqt l-esekuzzjoni tal-'Messa da Requiem' ta' G. Verdi fil-Kon-Katidral ta' San Ġwann. (ritratt: Joseph V. Sammut)**

Epifanija f'Jannar 2011 immexxi mill-Assistent Surmast Stephen Dimech, u bil-Kunċert ta' Mużika Sagra f'April immexxi mis-Surmast Onorarju Emeritus Victor Zammit. Iċ-ċelebrazzjonijiet ikomplu b'diversi attivitajiet fi żmien il-festa ta' Santa Marija, fosthom il-Kunċert tal-Kwindiċina fit-30 ta' Lulju, u bir-ruxxmata inizjattivi organizzati mis-seba' Kummissjonijiet ħabrieka fi ħdan is-Soċjeta`. Il-programm jagħlaq bil-kunċert annwali ta' livell għoli li ser isir fit-22 t'Ottubru 2011, fl-awditorju tal-Istitut Kattoliku, il-Furjana, u li jkun immexxi mis-Surmast Direttur Mro. Emanuel Spagnol.



***23 t'Ottubru, 2010: il-Banda Nicolo` Isouard immexxija mis-Surmast Direttur Emanuel Spagnol waqt il-programm strumentali li sar fl-awditorju Sir Temi Zammit tal-Universita`. (ritratt: Victor B. Caruana)***

Frans Deguara
(Kummissjoni Pubblikazzjonijiet).

A.D. 1871

## Marċi Brijużi li ser jindaqqu mill-Banda Nicolo Isouard fil-Festa ta' Santa Katerina fiż-Żejtun Il-Ħadd 19 ta' Ġunju 2011

| *Isem tal-Marċ* | *Kompozitur* | | |
|---|---|---|---|
| *1. Il-Mosta - 400 Sena Parroċċa* | *Emanuel Spagnol* | *16. Pisces* | *Emanuel Spagnol* |
| *2. 16th September* | *Stephen Dimech* | *17. Golden Jubilee* | *John Theuma* |
| *3. Mister President* | *Victor Zammit* | *18. Marie Louise* | *Anthony Aquilina* |
| *4. Melanie* | *Michael Pirotta* | *19. Dorian* | *Emanuel Bugeja* |
| *5. Rotunda* | *Twanny Borg* | *20. Osvaldo Bonheur* | *Archibald Mizzi* |
| *6. Anniversarju* | *Archibald Mizzi* | *21. Agrigento* | *Andrew Coleiro* |
| *7. Vicanth* | *Ronnie Debattista* | *22. Bernardette* | *Ronnie Pisani* |
| *8. Assunta* | *Orazio Cachia* | *23. Iacchus* | *Archibald Mizzi* |
| *9. Patruna Universali* | *Alfred Farrugia* | *24. Santos* | *David Agius* |
| *10. Wolly il-Pizu* | *Andrew Coleiro* | *25. Ikħal u Abjad* | *Andrew Coleiro* |
| *11. Il-Mons* | *Silvan Abdilla* | *26. La Senora Rita* | *Anthony Aquilina* |
| *12. Neil* | *Gabriel Muscat* | *27. Golden Jubilee* | *Emanuel Bugeja* |
| *13. El Picador* | *Anthony Aquilina* | *28. Sorrento* | *Andrew Coleiro* |
| *14. Assunta* | *Sunny Galea* | *29. Coronation* | *Joseph Azzopardi* |
| *15. Santiago de Cuba* | *Joseph Abela Scolaro* | *30. Millenium* | *Andrew Coleiro* |
| | | *31. Tal-Qalba* | *Joseph Busuttil* |